MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**MARIA KARLSSON**

Seduta tas-6 ta' Dicembru, 2010

Talba Numru. 1343/2010

**Vodafone Limited (C-10865)**
**Vs**
**Kersten Camilleri (K.I. 353289M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz li permezz tieghu s-socjeta’ attrici talbet hlas ta’ sitt mija u erba’ ewro u sebgha u hamsin centezmu (€604.57) rapprezentanti bilanc ta’ prezz dovut mill-istess konvenut lis-socjeta’ attrici a bazi ta’ ftehim bejn il-kontendenti (dokument ‘A’ ta’ rendikont anness mat-talba) ghal servizzi u prodotti provduti lill-istess intimata.

Illi l-intimata giet interpellata diversi drabi sabiex thallas il-pagament effettiv izda din baqghet inadempjenti u ghalhekk l-ammont ghadu dovut sal-lum.

Bl-ispejjez, u bl-imghax legali mid-data ta’ dan l-avviz sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenuta li minn issa hija ngunta ghas-subizzjoni.

Ra mill-atti li l-konvenuta baqghet ma pprezentatx ir-risposta ghalkemm debitament notifikata u lanqas ma dehret ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra li gie prezentat kapitolu fit-23 ta’ Novembru, 2010 mill-Avukat Charlene Briffa u l-fatt li l-konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondih, u ghalhekk ghandu jitqies bhala mistqarr.

Illi t-Tribunal jidhirlu li l-konvenuta naqset  milli tipprova il-kaz taghha quddiem dan it-Tribunal.

Ghaldaqstant, fic-cirkostanzi, t-Tribunal jiddeciedi billi jilqa’ t-talba ghall-ispejjez, bl-interessi, mid-data tas-sentenza sal-pagament effettiv.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------